MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)

**MAGISTRAT DR.**
**JOSEPH A. APAP BOLOGNA**

Seduta ta' l-10 ta' Ottubru, 2007

Avviz Numru. 309/2006

**Albert F S Manduca Limited (C-247)**

**Vs**

**Carmel sive Charles Borg (ID 80761M)**

Il-Qorti,

Rat r-rikors in ezami li bih ir-rikorrenti talab sabiex l-intimat jghid il-ghaliex ma ghandux jigi kundannat li jhallas lis-socjeta attrici s-somma ta' elf sitt mija disa' u disghin lira maltin u tmienja u tmenin centezmu (Lm1,699.88) rapprezentanti bilanc ta' somma akbar valur ta' merkanzija konsistenti f'xorb u confectionary items lill-konvenut mibjugha u konsenjata.

Bl-ispejjez, u bl-imghax b'effett mit-28 ta' Settembru 2004, data tal-ewwel interpellanza, kopja Dok A, kontra l-intimat li gie ingunt ghas-subizzjoni.

Rat id-dokument anness mal-istess rikors a fol 2 tal-atti.

Rat ir-risposta tal-istess intimat a fol 10 tal-atti u li biha espona bir-rispett:-

1. Illi l-esponenti jecepixxi l-*privilegium fori* ai termini tal-artikolu 767 tal-Kap. 12 billi hu jirrisjedi permanentement fil-gzira ta' Ghawdex kif wara kollox jindika l-indirizz moghti mill-istess socjeta' attrici fl-avviz relattiv, u ghalhekk kompetenti li tisma' din il-kawza hija l-Qorti tal-Magistrati (Ghawdex) fil-kompetenza taghha ta' Gurisdizzjoni Inferjuri u mhux din l-Onorabbli Qorti, b'kull rispett kollu lejha.
2. Illi subordinatament u dejjem minghajr pregudizzju ghall-ewwel eccezzjoni, hemm ukoll in-nullita' tal-Avviz stante li dan sar minghajr ma qabel giet segwita l-procedura kontemplata fl-artikolu 166A tal-kap. 12. Fi kwalunkwe' kaz jekk m'hemmx in-nullita' tal-Avviz, l-ispejjez spendjuzi ta' dan l-Avviz ghandhom jigu kollha akkollati lis-socjeta' attrici billi dawn setghu facilment jigu evitati kieku qabel giet segwita l-procedura kontemplata taht l-artikolu 166A tal-Kap. 12.
3. Illi fil-meritu u dejjem bla pregudizzju ghall-premess, it-talba attrici qed tigi kkontestata;
4. Salvi twegibiet ulterjuri fid-dritt u fil-fatt.

Rat l-atti kollha tal-kawza specjalment dak verbalizzat a fol 15 ibid.

Semghet lill-partijiet.

<u>Ikkunsidrat</u>

Illi kif jidher mill-atti, bhala provi gew prodotti s-segwenti:-

a) Kif digja inghad, a fol 2 ibid tinsab, markata bhala "<u>Dok A</u>", <u>ittra</u> bid-data tat-28 ta' Settembru 2004 mibghuta lill-intimat odjern <u>fl-indirizz tar-residenza tieghu f'Ghawdex</u> u li permezz taghha gie interpellat sabiex jhallas l-ammont hemm imsemmi bhala dovut minnu lis-socjeta rikorrenti in konnessjoni ma' bejgh ta' xorb u "confectionery" (ara ukoll fol 15 ibid).

b) Kif jidher, ukoll, a fol 43 et seq ibid, xehed Alfred Falzon Sant Manduca bhala “Managing Director” tal-istess socjeta rikorrenti. Dan spjega li l-ufficju registrat tal-istess socjeta jinsab fil-Belt Valletta u mill-istess ufficju jbiegh prodotti u l-fattura relattiva tinhareg “… fuq l-istess ufficju”. Hu kompla biex jghid illi ma hemmx ufficju f’Ghawdex appartenenti lill-istess socjeta izda “Bhala ‘salesman’ pero’ dawn jitilghu Ghawdex”. Inoltre, l-prodotti f’dan il-kaz gew konsenjati lill-intimat f’Ghawdex.
c) Mill-istess atti jidher li l-intimat kien gie imharrek permezz tar-rikors in ezami sabiex jidher quddiem din il-Qorti, “fl-indirizz tieghu f’Ghawdex”.

Ikkunsidrat

Illi l-intimat ghamel referenza ghall-artikolu 767 tal-Kapitolu 12 tal-Ligijiet ta’ Malta li jghid “Il-beneficcju imsemmi fil-paragrafu (C) tal-Artikolu 741 hu moghti lill-persuni li joqghodu … fil-Gzejjer ta’ Ghawdex u Kemmuna …” cjoe l’hekk imsejjah “Privilegium Fori”. Ghalhekk jidher li, f’dan il-kaz, l-azzjoni in ezami kellha tigi intavolta fil-Qrati ta’ Ghawdex.

Illi, pero’ l-artikolu 770 ibid jghid, bhala eccezzjoni, li tali privilegg jispicca “… fil-kaz li l-kawza tkun dwar obligazzjoni li skond il-ftehim, kellha tigi esegwita fi Gzira partikolari”.

Illi, fil-kaz in desamina ma rrisultax illi kien hemm xi ftehm “ad hoc” illi l-obbligazzjoni in ezami kellha tigi esegwita f’Malta. Anzi jidher illi l-ftehim ta’ bejgh permezz ta’ “salesman”, kien gie milhuq f’Ghawdex u l-konsenja kienet saret fl-istess Gzira. Inoltre f’kaz ta’ esekuzzjoni ta’ sentenza li biha l-intimat jigi dikjarat debitur tas-socjeta attrici, ma giex pruvat illi l-istess intimat ghandu xi beni fil-Gzira ta’ Malta u li fuqhom tista’ tigi esegwita.

Ghalhekk, l-intimat kien pjenament gustifikat illi jressaq l-eccezzjoni ta’ “Privilegium Fori”.

Ghal dawn il-motivi l-Qorti tilqa' l-ewwel eccezzjoni tal-intimat u tillibera lill-istess intimat mill-osservanza tal-gudizzju.

Fic-cirkostanzi tal-kaz il-Qorti tara li l-ispejjes gudizzjarji ghandhom jibqghu bla taxxa bejn il-partijiet.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------